# FTIT TAL-KUMMENTI

Il-lum hawn ħafna li jiktbu bil-Malti, min għax iħobb l-ilsien tagħna u min għax ix-xogħol tiegħu jitlob hekk. Il-kitba bil-Malti daħlet fil-ħajja tan-nazzjon u ħadd u xejn ma jista' jaqlagħha. Imma biex din il-kitba bil-Malti taqdi sewwa lil min jiktibha u lil min jaqraha, jeħtieġ li tkun taħt sura li biha jinqeda l-poplu, jiġifieri taħt għamla popolari u kurrenti u skond kif titlob l-ortografija Maltija.

Għalhekk, biex inġibu ftit eżempji, il-kelmiet *eżerċitu, kapitolu, eliġibili,* huma miktubin ħażin għax bħala regula, wara l-aċċent toniku l-kelma (wkoll jekk ta' nisel romanz) m'għandhiex ikollha ħlief sillaba waħda; jiġifieri dawk il-kelmiet għandhom jinkitbu *eżerċtu, kapitlu, eliġibbli,* kif jinstemgħu f'ħalq il-poplu Malti. Hekk ukoll il-kelmiet *kaġonati, bażati, konsiderati, proveduti,* fil-Malti għandhom jinkitbu *ikkaġunati, ibbażati, ikkunsidrati, ipprovduti,* fuq l-istess għamla ta' *issentenzjati, ikkundannati.* Dawn il-verbi jibnu l-forma parteċipjali tagħhom fuq il-perfett: *ikkaġuna, ikkunsidra,* eċċ bis-suffiss *at* fis-sing. u *ati* fil-plur.

Minn hekk naraw kemm tiswa l-ortografija biex il-Malti jinkiteb kif jixraq, iżda jeħtieġ ukoll li ma niżbaljawx fis-sintassi; din imissha dejjem iżżomm il-għamla Maltija. Għandna niftakru li l-ilsien tagħna għandu r-regula tiegħu bħalma għandhom ilsna oħra u għalhekk ma jistax jinkiteb bir-reguli ta' ilsna barranin. Min jikteb hekk ikun qiegħed juri kemm ma jinqalax fil-kitba Maltija.

Biex infissru ruħna aħjar inġibu xi ftit frażijiet u kostruzzjonijiet:

*Aktarx għandhom—jista' sew ikollhom.* It-tieni frażi ma tagħtix is-sens ta' l-ewwel, li hi iktar ċara u sintattikament tajba.

*Ġew attirati* flok *attirajna.* Il-kostruzzjoni ta' *ġew attirati* hi kollha kemm hi Taljana. Skond ir-regula tagħna, fejn ma nistgħux ninqdew bil-passiv Malti ta' verb imnissel, ninqdew sintattikament bil-plural ta' l-Imperfett jew Perfett: *nattiraw* jew *attirajna.* Eż: *Nattiraw,* jew *niġbdu l-attenzjoni;* jew b'kostruzzjoni diretta: Il-Gvern *jattira* jew *jiġbed l-attenzjoni.*

*Immunizzazzjoni mill-*(mard?). *Protezzjoni* (Ħarsien) għandha sens differenti minn *immunizzazzjoni.*

*Li jirreġistraw* flok *irreġistrati* ma tagħtix is-sens tal-kelma parteċipjali *registered* fl-Ingliż. Fil-Malti l-espressjoni li *jirreġistraw* għandha azzjoni attiva u l-verb jitlob l-oġġett e.g. *jirreġistraw isimhom.* Għalhekk aħjar tintuża l-espressjoni Maltija: *jinkitbu.*

*Jaraw li jkunu żguri.* Din l-espressjoni mhix idjomatika u ma jidhirx li għandha s-sens oriġinali tat-test. *Jiżguraw irwieħhom* hija espressjoni sintattikament aħjar; riflessiv li daħal fl-użu tas-sintassi Maltija.

*Sejra issa ssir* flok *Issa se ssir,* ma tagħtix is-sens ta' azzjoni fil-qrib *(futur prossimu),* imma aktarx ta' azzjoni minnufih *(immedjata).*

Il-futur qrib jitfisser tajjeb fil-Malti bil-forom apokopati ta' ser jew se'r jew bil-partiċelli se, sa.

Fl-espressjoni *jiftiehmu bejniethom,* wieħed irid jara hemmx is-sens tat-test oriġinali skond it-tifsira tal-frażi: *li jintlaħaq ftehim.*

*Għawdex, il-Gżira Oħtna. (Sister Island, Isola Sorella). Oħtna* hija fil-possessiv ta' l-*Ewwel persuna plur,* filwaqt li fl-Ingliż Sister u fit-Taljan *sorella* jirriferixxu, bħala nomi f'appożizzjoni, għat-tielet persuna *Gżira.* Sintattikament trid titfisser hekk: *Għawdex oħt, jew hu l-Gżira ta' Malta.*

Fil-Malti ċerti espressjonijiet u frażijiet idjomatiċi ma jistgħux jużaw l-istess kelma, għalkemm il-kelma tkun tfisser l-istess ħaġa, bħal kelmiet *jum u ġurnata.* Hekk aħna ngħidu *jumejn* (mhux *ġurnatejn), ħamest ijiem, għaxart ijiem.* Iżda mbagħad nistaqsu: *"Kemm-il ġurnata* (Mhux *kemm-il jum)* domt? L-użu tal-kelmiet *jum, jiem; ġurnata, ġranet* imur ma' l-użu ta' l-espressjoni idjomatka; u għalhekk użu bħal dan ma jammettix impożizzjonijiet li assolutament tinqeda b'kelma flok oħra kontra n-natura tal-lingwa u l-prinċipji tal-lingwistika.

Hawn ukoll dawk li hekk jew hekk, iridu jdaħħlu kliem barrani fil-kitba tagħna. Kieku jagħmlu hekk bil-għaqal u skond il-ħtieġa, ma jkunux ta' min ilumhom għax l-ilsien tagħna bħala ilsien ħaj ta' poplu progressiv, dejjem sejjer jiddakkar u jintrifed minn kliem barrani l-aktar fil-qasam tat-teknoloġija u xjenza. Iżda dawn il-kittieba li qegħdin insemmu flok ma jħallu l-ilsien tagħna jnaqqar dak li hu jeħtieġ mill-barrani, tarahom ideffsulu u jwikkulu kliem li ma għandux bżonnu u hekk huma joħolqu xejra ta' kitba li mhix espressjoni tal-poplu, imma għandha għamla ibrida li tagħmel għajb lill-ilsien tagħna għax tagħtih sura ta' ilsien imlaqqat.

Għalhekk wieħed ma jkunx jagħmel ġieħ lill-ilsien Malti jekk flok il-kelmiet: *dmirijiet, dan l-aħħar, ftehim, ħeles, ħa sehem* jikteb *doveri, reċentement, akkordju, eżenta, tippartecipa* li qajla huma magħrufa popolarment. Hekk ukoll il-kelma *viżita* ma jixraqx tintuża flok il-kelma komuni Maltija *żjara.*

Barra dan, ħafna drabi l-kliem barrani ma jkunx fih is-sens meħtieġ e.g. *Kiseb* u *Ottiena. Kiseb somma, ottiena permess.* Il-kelma *adegwata* barra li mhix kelma fl-użu tal-poplu, ma tweġibx għas-sens tal-kelma *xierqa. Xierqa* għandha s-sens ta' *convenevole* fit-Taljan, waqt li *adegwata* għandha s-sens ta' *proporzionata.* Hekk ukoll il-kelma *ħafna* ma tfissirx *diversi;* kif il-kelma *ġarr* ma tfissirx *trasport: ġarr* f'sens ġenerali, *trasport* f'sens uffiċjali jew speċifiku, tekniku. Eż: *Ġarr ta' merkanzija, Uffiċċju tat-Trasporti.* Anqas il-kelma *pedament* ma għandha s-sens ta' *struttura,* kif anqas l-espressjoni *ta' ħsieb* ma tfisser *serja.* Bejn il-kelmiet *ewlenija u prinċipali* hemm differenza fl-użu tagħhom; hekk għandna ngħidu *Il-Kap Prinċipali* mhux *Il-Kap Ewlieni. Ewlieni* hi forma aġġettivali ta' *l-ewwel* fost dawk li jiġru

jew jitellqu, *l-ewwel fost oħrajn*. Wieħed irid jifhem ukoll li l-kelma *konsiderazzjoni* ma tistax tkun mibdula ma' *attenzjoni*.

Il-Maltin is-sengħa tal-bidwi jafuha bħala *biedja* mhux *agrikultura*. Bħalma ħadd ma jgħaddilu minn moħħu li jsejjaħ *bidwi* flok *agrikultur;* hekk ma għandniex niktbu *agrikultura biedja*.

L-ilsien tal-pajjiż hu dak li jitkellem bih il-poplu u ħadd ma għandu l-jedd igħawweġ jew iħassar dak li jrid il-poplu; għalhekk jagħmlu ħażin dawk li jridu jdaħħlu kliem barrani fejn ma hemmx ħtieġa, kif ukoll dawk li jridu jinqdew bi kliem safi li l-poplu warrab fuq l-ixkaffa. Min jagħmel hekk ikun qiegħed jaħli ż-żmien u jħabbel moħħu fuq ħwejjeġ ta' bla fejda, filwaqt li l-lum fiż-żmien li għaddej minn fuqna, imissna nħaddmu moħħna biex neħilsu 'l Malta mill-qagħda mwiegħra li tinsab fiha u mhux ninħlew fuq dawn l-intietef.